# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru: 1234/2020MH**

**Illum, 7 ta’ Frar, 2022**

**Ismijiet:**

**Daryl Mark Borg (I.D.No. 250086M)**

**Vs**

**Dottor Alessandro Mancini (I.D.No.84006A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess illi;

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tieghu jiddikjara u jikkonferma bhala li jaf personalment:-*

*1. Illi permezz ta' skrittura privata datata it-tmienja ta' Meju tas-sena elfejn u dsatax (08/05/2019), li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala ‘**Dok A**' il-konvenut ikkumissjona lill-esponent sabiex jikkostruwixxi bini konsistenti f’hames (5) sulari u penthouse f'sit li jinsab f' Saint Albert Street, il-Gżira;*

*2. Illi permezz tal-istess ftehim il-partijiet ftehmu dwar modalità ta' pagamenti li kien jinkludi depożitu akkont ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) u pagamenti ohra wara l- kostruzzjoni tas-sulari rispettivi. Din il-modalità tinsab ahjar spjegata fil-klawżoli tnejn (2) u tlieta (3) tal-iskrittura surreferita;*

*3. Illi kif jista jigi denotat il-partijiet ftiehmu wkoll illi oltre l-pagamenti speċifikatament indikati li kellhom isiru, parti mill-prezz tax-xogholijiet kellu jinqata' minn credit note datata l-1 5 ta' Novembru 2018 fis-somma ta' sebghin elf ewro (€70,000), liema credit note tinsab hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok B**', u li l-esponent kien dak iż-żmien irrilaxxja favur l-intimat li sussegwentement ghaddieha sabiex tigi utilizzata mis-soċjeta' Libra Construction Ltd, iżda xorta ġie mifthiem illi l-istess intimat kellu jhallas il-bilanċ li jista' jkun pendenti wara li jigi utilizzat l-ammont indikat fil-credit note u l-pagamenti ulterjuri li jsiru;*

*4. Illi l-prezz totali tax-xoghol ta' kostruzzjoni, u ċioe' tal-hames sulari bini u penthouse, ammonta ghas-somma kumplessiva ta' mija u erbgha u erbghin elf tmienja u erba' ewro (€144,804) kif jirriżulta mill-fatturi mahruġa mill-Perit Elena Borg Costanzi, li jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala '**Dok Ċ**'. Illi oltre din iċ-ċifra, saru xogholijiet addizzjonali fl-ammont ta' sebat elef mija tlieta u sittin ewro punt sebgha tmienja ewro ċenteżmi (€7,163.78), kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok D**', li twassal ghal ammont totali ta' mija wiehed u hamsin elf, disa' mija sebgha u sittin ewro punt sebgha tmienja ewro ċenteżmi (€151,967.78);*

*5. Illi b'hekk, meta wiehed inaqqas il-credit note ta' sebghin elf Ewro (€70,000) u l-hlasijiet li saru mill-intimat a favur tal-esponent fis-somma ta' wiehed u tletin elf ewro (€31,000), b'kollox mija u wiehed elf ewro (€101,000), jifdal bilanċ mhux imhallas ta' **hamsin elf disa' mija sebgha u sittin ewro punt sebgha tmienja ewro čenteżmi (€50,967.78) VAT inkluż**. Dan jidhar aktar čar mill-anness '**Dok E**' ikkonfermat u ffirmat mill- esponent;*

*6. Illi dan il-bilanċ ghadu sal-lum pendenti u l-intimat interpellat diversi drabi, anke uffiċjalment permezz tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 1353/2020 tat-3 ta' Ġunju 2020, sabiex ihallas dan l-ammont bilanċjali l-intimat baqa' ghal kollox inadempjenti;*

*7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghalfejn m'ghandix dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u deċiżjoni ohra opportuna, u ghar-raġunijiet kollha premessi:-*

*1.Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa debitur tal-attur fis-somma ta' hamsin elf disa' mija sebgha u sittin ewro punt sebgha tmienja ewro ċenteżmi (€50,967.78) VAT inkluż;*

*2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hamsin elf disa' mija sebgha u sittin ewro punt sebgha tmienja ewro ċenteżmi (€50,967.78) VAT inkluz bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-ittra uffiċjali numru 1353/2020 tat-3 ta' Ġunju 2020 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-ittra uffiċjali hawn fuq indikata u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Ir-Risposta ġuramentata[1] kienet teċċepixxi lli:

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

1. ***ILLI** l-esponenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li:*

   **(i)** *ma għandu u qatt ma kellu interess fis-sit li jinsab fi Triq San Bert, Il-Gzira;*

   **(ii)** *qatt ma inkariga lir-rikorrenti sabiex jikkostruixxi il-binja;*

   **(iii)** *qatt ma gie fatturat u qatt ma ħallas il-pagamenti imsemmija fir-rikors promotur. Tant hu hekk li fattura minnhom esebita mar-rikors promotur u markata bhala Dok. 'D' hija maħruġa fuq Libra Construction Ltd.*

2. ***ILLI** l-kunsens tiegħu għall-iffirmar ta' l-iskrittura li r-rikorrenti jikkampa l-azzjoni fuqha ittieħed b'egħmli dolus u żball prattikati fuqu mir-rikorrrenti;*

3. ***ILLI** għalhekk t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes.*

[1] Folio 19

Rat ukoll ir-rikonvenzzjoni tal-konvenut

***Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Dr. Alessandro Mancini jikkonferma:***

1. ***ILLI*** *l-esponenti biegħ vettura ta' l-għamla Mercedes lil ċertu Mark Bezzina għall-prezz ta' mija u għaxart elef Euro (€110,000), u bħala pagament in parti tal-prezz ta' l-istess vettura rċieva credit note esebita mar-rikors promotur Dok B;*

2. ***ILLI*** *l-esponenti ġġira l-fuq imsemmija credit note lil Libra Construction Ltd li kienet inkarigata minn ċertu Michael Bonello, titolari tas-sit tagħmel xogħolijiet ta' kostruzzjoni fis-sit fi Triq San Bert Il-Gzira li da parti tagħha ssubkontrattat ix-xogħolijiet lir-rikorrenti rikonvenzjonat.*

3. ***ILLI*** *meta l-esponenti ġġira l-fuq imsemmija credit note ltaqa mar-rikorrenti rikonvenzjonat li ppresentalu l-iskrittura esebita Dok A mar-rikors promotur u qallu jiffirma l-iskrittura li skond l-istess rikorrenti rikonvenzjonat kienet sempliċi skrittura fejn il-credit note kienet qed tiġi ġġirata u għal dan rċieva ħlas ta' ħamsa u sittin elf Euro (€65,000) minghand Libra Construction Ltd.*

4. ***ILLI*** *l-esponenti ma jifhimx sewwa l-lingwa Ingliza u ffirma fuq il-pretest li kien sempliċiment qed jiġġira l-credit note.*

5. ***ILLI*** *l-esponenti ma għandu l-ebda interess fis-sit fi Triq San Bert Il-Gzira qatt ma għamel xi pagament lir-rikorrenti rikonvenzjonat u qatt ma nkarigah sabiex jipprestalu xi servizz u qatt ma rcieva l-ebda fattura minghand l-istess rikorrenti rikonvenzjonat ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni maghmula fis-sit fi Triq San Bert, Il-Gzira;*

6. ***ILLI*** *għalhekk huwa manifest li l-kunsens ta' l-esponenti fuq l-iskrittura datata tmienja (8) ta' Mejju elfejn u dsatax (2019) kien karpit b'għemil doluz u bi żball li jolqot is-sustanza tal-ftehim;*

*Jgħid għalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjonat għaliex din l-Onorabbili Qorti ma għandiex previa kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja*

1. ***TIDDIKJARA** li l-kunsens ta' l-esponenti fuq l-iskrittura datata tmienja (8) ta' Mejju elfejn u dsatax (2019) esebita Dok A mar-rikors promotur kien karpit b'għemil doluz u bi żball li jolqot is-sustanza tal-ftehim;*

2. ***TIDDIKJARA** l-iskrittura datata tmienja (8) ta' Mejju elfejn u dsatax (2019) esebita Dok A mar-rikors promotur hija nulla u bla effett.*

*Bl-ispejjez tal-presenti kontra r-rikorrenti rikonvenzjonat illi hu minn issa inġunt għas-subbizzjoni.*

Rat ukoll in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma bhala li jaf personalment:-*

*1. Ili fl-ewwel lok, u in via preliminari, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma preskritti ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili;*

*2. Illi fit-tieni lok, u fil-mertu, it-talbiet huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt, inter alia billi ma ghandha xejn mis-sewwa l-allegazzjoni illi l-kunsens tal-istess konvenut rikonvenzjonant hija karpita b'ghemil doluż u/jew biż-żball tant li dan kien jaf eżatt xiex kien qed jiffirma;*

*3. Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, u filwaqt li l-esponent ġuridika tieghu hija proprju mal-konvenut ikompli jsostni illi r-relazzjoni rikonvenzjonant, jekk il-konvenut rikonvenzjonant iqis illi hu mhux il-leġittimu kontradittur ghat-talbiet tal-esponent, huwa ghandu r-rimedji disponibbli ghalih fil-ligi (vide Titolu XTV tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra 1-istess konvenut rikonvenzjonant.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semgħet id-debita trattazzjonijiet

Ikkonsidrat:

Rat illi il-kawza kienet differita biex tiġi deċiża l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-attur rikonvenzjonat fir-risposta għal kontro talba.

Infatt il-perjodu statutorju preskrittiv propost huwa dak ai termini ta' l-artikolu 1222 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qua provi fuq l-istess eċċeżżjoni l-attur rikonvenzjonat ivverbaliżża lli l-unika prova li kellu fir-rigward ta' l-eċċeżżjoni n eżami kienet l-verbal tal-Qorti tat- 2 ta' Gunju, 2021 a folio 38 u l-iskrittura privata datata 8 ta' Mejju, 2019 a folio 9 ta' l-atti.

Da parti tiegħu il-konvenut rikonvenzjonant biex jieqaf għal eċeżżjoni tal-preskrizzjoni għat-talbiet fir-rikonvenzjoni għazel li jixhed viva voce. Ikkonferma lli l-firem li kienu jidhru fuq id-dokumenti esebiti a folio 9, 10, 11 kienu tiegħu. Ikkonferema ukoll il-firma ta' l-attur a folio 9 ta' l-atti billi insista li din kienet saret fil-presenza tiegħu.

Ikkonsidrat:

L-ewwel punt li se jiġi ndirizzat huwa dak li ressaq l-attur rikonvenzjonat fis-sottomissjonijet tiegħu illi kif ivverbalizza għal dak li jidher mill-atti a folio 38 kien fil-fatt l-avukat tiegħu li kien ġie mogħti kopja tar-risposta ġuramentata ukoll tar-rikonvenzjoni. Jirrizulta ukoll mill-atti lli fis-seduta preċedenti kien ivverbalizzat illi kemm ir-risposta ġuramentata ukoll il-kontrotalba kellhom jiġu notifikati lil kontroparti. Jirriżulta ukoll illi l-attur Daryl Mark Borg ma deher għal ebda seduta msemmija. Għalhekk fis-sottomissjonijiet tiegħu Dr.Vella

argumenta illi l-kontro talba qatt ma kienet ġiet notifikata lil attur rikonvenzjonat għalhekk ebda att ġudizzjarju ma serva biex tiġi nterotta l-prekrizzjoni.

Bla tlaqliq jingħad lil Qorti ssib tali argument żleali. Meta Dr.Vella deher fl-assenza ta' l-attur u aċċetta minn  jeddu l-kopji tar-risposta ġuramentata u tar-rikonvenzjoni dan għamlu bl-intenzjoni tan-notifika ta' l-istess irrelevanti dan ġiex verbalizzat  dan jew le. Fil-fatt ma kien hemm ebda insistenza lil kontro parti xorta kellha timxi għan-notifika ta' l-atti msemmija. Tant hu hekk lil klijent ta' l-istess Dr.  Vella presenta r-risposta ġuramentata tiegħu għar-rikonvenzjoni bla ma sofra ebda pregudizzju għal linja difenzjonali tiegħu.

F'dan ir-rigward hu opportun lil Qorti tagħmel referenza għal xi deċizjonijiet li jiddelinjaw r-relazzjoni eżistenti bejn avukat u l-klijent tiegħu.

**Vincenzo Briffa et v. Canonico Ignazio Gatt et** (Appeal Court, 15 of  January, 1906; **published in *Kollez*. Vol. XIX-I-129):** "*l'avvocato ed il procuratore legale sono mandatari del loro clienti.*";

**Teresa Zammit pro et noe v. Ganni Zammit pro et noe** (Ft Hall of the Civil Court Prim'Awla, 10th October, 1950) itw as held that , "*ghal dak li jirrigwrada kwistjonijiet legali u procedurali, kwalunkwe haga li l-avukat jaghmel, anki b'konjizzjoni jew impressjoni erronea, hu responsabbli ghaliha l-klijent tieghu.*";

**Carmelo Agius Fernandez v. Dr. Filippo Nicolo' Buttigieg** (First Hall of the Civil Court 13 of  April, 1953; reported in the *Kollez*. Vol. XXXVII-II-683): "*ir-relazzjonijiet ta' avukat u l klijent jirrivestu n-natura tal-mandat.*";

**Victor Tonna pro et noe v. Dr. Joseph Brincat** (Civil Appeal, 31 of January, 1994; reported in the *Kollez*. Vol. LXXVIII-II-18): "*ir-relazzjoni bejn avukat jew prokuratur legali u l-klijent hija essenzjalment ibbazata fuq il-mandat.*";

Ferm dan l-avukat ta' l-attur ma jistax issa konvenjentement jirribattti n-notifika ta' l-atti biex issaħħaħ il-preskrizzjoni meta r-rizultanzi proċesswali juru l-kontra.

Fit-tieni lok isir ukoll referenza għal dak li argumentaw il-partijiet fis-sottomossjonijiet verbali tagħhom. Din kienet titratta l-interventi li saru mis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika fil-kors tal-pandemija li impattaw fuq il-ftuħ tal-Qorti, ukoll fuq is-sospensjoni tat-termini kemm ġudizzjarji ukoll dawk legali. Jingħad li hadd mill-avukati ma kien ċar fir-rigward ta' dan il-punt u kif dan seta' impatta fuq id-dekors tal-preskrizzjoni eċċepita.

Isir referenza għal pronunzjament tal-Qorti ta' l-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Georgina Zammit vs Alex Zammit** datata 28/01/2021[2] li tittraċċa u tidelinea l-interventi li saru mill-imsemmi Supretindent li impattaw fuq il-funzjoni rtal-Qrati koll fuq id-dekors ta' termini ġudizzjari u legali.

*"9. Fil-frattemp, minħabba l-pandemija tal-COVID, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bis-setgħa mogħtija lilha bl-Artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta), ordnat diversi miżuri sabiex jissalvagwardjaw kontra jew jikkontrollaw din l-epidemija f'Malta. Fost il-miżuri ħarġet l-'Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali)', Leġislazzjoni Sussidjarja 465.17 introdotta permezz tal-Avviż Legali 61 tal-2020) ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Marzu 2020. Kien oriġinarjament tipprovdi:*

> *"3.(1) Meta s-Supritendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem warat-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta sSupritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.*

[2] 160/2015/1

> *"(2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina."*

10. *Illi fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 2020, kien ippubblikat l-Avviż Legali 84 tal-2020 li għandu jitqies li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Marzu, 2020. Ipprovda li l-Artikolu 3 ta' l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv*

*(Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

> *"(1) Meta s-Suprintendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Din is-sospensjoni għandha tapplika ukoll għall-preskrizzjoni fi kwistjonijiet kriminali u ċivili. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara r-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Suprintendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta."*

11. *Fl-4 ta' Mejju 2020 daħal imbagħad fis-seħħ l-Avviż Legali 176 tal 2020, Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) (Emenda Nru. 2) u dan l ordni għandu jinqara u*

*jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali), hawn iżjed*
*'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali." Permezz tiegħu ġie ordnat illi:*

> *"2. Fis-subartikolu 2 tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, il-kliem "l-ftuħ tar reġistru tagħha," għandu jiġi mħassar.*
>
> *"3. Kwalunkwe limiti ta' żmien li ġew sospiżi qabel id-dħul fis-seħħ talOrdni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) (Emenda Nru. 2) għandhom jibqgħu sospiżi."*

12. *Eventwalment, Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni L.S. 465.17. ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) ġie mħassar bis-saħħa tal-Avviż Legali 243 tal-2020 li daħal fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2020.*

13. *Miżura oħra li laqtet l-operat tal-Qrati kienet l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (Leġislazzjoni Sussidjarja 465.19) li daħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 65 tal-2020, ukoll ippubblikat fil Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Marzu 2020. L-Artikolu 3 tal-istess jipprovdi s-segwenti:*

> *"Is-Suprentendent b'dan tordna l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar reġistru <u>b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020</u>, liema ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprentendent."*

14. *Apparti korrezzjoni fin-nota mariġinali li saret bis-saħħa tal-Avviż Legali 66 tal-2020, din il-Liġi Sussidjarja ġiet emendata:*

14.1. *permezz tal-Avviż Legali 97 tal-2020, li introduċa definizzjoni ta' 'qorti indikata' koperta bl-istess ordni, żdiedu ukoll żewġ artikoli rigwardanti bordijiet, kummissjonijiet, kumitati jew entitajiet oħra li ma joperawx mill-binja tal-Qrati tal-Ġustizzja;*

14.2.*permezz tal-Avviż Legali 177 tal-2020, li pprovda li b'effett mill-4 ta' Mejju 2020, fis-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, il-kliem "u tar-reġistru," għandhom jiġu mħassra iżda kwalunkwe limiti ta' żmien li ġew sospiżi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-2020 li jemmenda l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (Emenda Nru. 2) għandhom jibqgħu sospiżi.*

15. *L-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (Leġislazzjoni Sussidjarja 465.19) ġie mħassar bis-saħħa tal-Avviż Legali 230 tal-2020 kif ġej:*

*"2. L-ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja huwa b'dan l-ordni imħassar <u>b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020</u>, mingħajr preġudizzju għall-validità ta' kull ħaġa magħmula jew li tħalliet barra milli ssir fuq il bażi ta' dak l-ordni u soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni.*

*"3. Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem il-qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal għoxrin (20) jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.*

*"4. Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal perjoduta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni."*

16. *Għalhekk matul il-perjodu minn meta ħarġet l-ordni tal-għeluq tal-Qorti (16 ta' Marzu 2020) sakemm ingħatat is-sentenza, il-qorti kien magħluq u t-termini legali u ġudizzjarji kienu kollha sospiżi. B'hekk il- Qorti tal-ewwel grad tat is-sentenza meta kien sospiż il-perjodu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut."*

L-attur jistrieħ fuq il-ftehim preliminarju li daħħlu fih il-partijiet sad-data li ġiet presentata l-kontro-talba biex jsaħħaħ l-eċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni bjennali; il-ftehim ġie ffirmat fit- 8 ta' Mejju, 2019. Il-kontro talba fl-26 ta' Frar, 2021; verament sew fiż-żmien s-sentejn stipulat fl-artikolu 1222 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Detto ċio it-termini legali sospiżi bl-intervent tas-Supretendent tas-Saħħa ċertament kienu jimpattaw fuq id-dekors taż-żmien prekrittiv, billi jestendu l-istess kif fuq ingħad.

**Il-Qorti għaddiet biex tagħmel is-suriferiti osservazzjonijiet biex tkun ikkunsidrat kull argument imressaq fis-sottomissjonijiet orali. Jekk il-prekrizzjoni kienet tistrieħ fuq l-artikolu 1222 tal-Kap 12 kif eċċepixxa l-attur rikonvenzjonat din kient tfalli għar-raġunijiet premessi.**

**Pero' biex il-Qorti tassal għal perjodu prekrittiv ġust għandha tħares sew lejn dak skritt fil-premessi u t-talbiet għax b'dawk hija arġinata t-talba.**

Fil-kontro talba tiegħu il-konvenut rikonvenzjonant jippremetti lli huwa ftehim li fuqu jistrieħ l-attur rikonvenzjonat li hu kien iffirma taħt pretesti foloz in vista tal-fatt illi huwa kien qed jemmen illi kien qed jagħmel hekk in konnessjoni mal-*credit note* li kienet ġiet ġirata, li kien is-sors ta' l-inkwiet kollu bejn il-partijiet. Jgħid li kien indott f'dan l-iżball in vista tal-fatt lil ftehim kien bil-lingwa Ingliża, lingwa li ma kienx jifhem għax kien ta' nazzjonalita' Taljana.

Tant li jippremetti li hu ma kellu ebda interess fis-sit in kwistjoni msemmi mill-attur u li ma kienx qabbad lil dan jew inkarigah bi prestazzjoni ta' serviżżi. Ressaq żewġ talbiet għal-kunsiderazzjoni tal-Qorti; li jiġi dikjarat illi il-kunsens tiegħu fir-rigward ta' l-iskrittura datata 8 ta' Mejju, 2019 kien karpit b'għemil doluż u żball li jolqot is-sustanza tal-ftehim, ukoll li l-imsemmija skrittura kienet **nulla u bla effett**.

F'dan l-istadju huwa pertinenti lli sssir referenza oħra għal tagħlim ġurisprudenzjali nostrali dan b'referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **John Richard Gimblett pro. et. noe vs M.& R Holdings Limited[3];**

[3] Ċitaż.Nru 978/2011LFS P.A.

*" **C. KUNSIDERAZZJONIJIET:***

*L-intimati eċċepew preliminarjament li in kwantu l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq allegat error in corpore min-naħa tar-rikorrenti, din hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Il-Qorti sejra tikkwota l-artikolu 1222 tal-Kap 16, li jgħid: "(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta`, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn.*

*(2) Dan jgħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

*Il-Qorti sejra tikkwota wkoll l-artikolu 1223 (1) tal-Kap 16 fejn jingħad:*

*"1223 (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni huwn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dakinnhar li l vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dakinnhar li jinkixef id-difett."*

*Illi mill-premessi tar-rikors ġuramentat it-talbiet attriċi huma bbażati prinċiparjament fuq allegat żball, u fil premessa numru erbatax (14) jingħad hekk:*

*"Illi l-konsegwenza ta' dan kollu hija li l-kunsens tar-rikorrenti ma kienx jaqbel ma' dak tal-Kumpaniji Vendituri peress illi dawn kienu qegħdin jirreferu għal żewġ garaxxi differenti, liema stat ta' fatt irrendi l-att tad-9 ta' Diċembru 2005 bħala null u li ma jiswiex bejn il-partijiet għaliex huwa nieqes mill-aktar element essenzjali, u ċioe` l-kunsens fuq l-oġġett tal-ftehim (error in corpore);"*

*F'dan l-istadju l-Qorti sejra telenka xi dati relevanti:*

*Ir-rikorrent Gimblett stqarr fir-rikors ġuramentat li hu nduna b'dan l-iżball waqt li kien Malta fl-2006 (ara paragrafu 9 tar-rikors);*

*B'ittra datata 3 ta' Mejju, 2007, il-konsulent legali tar-rikorrenti ta' dak iż-żmien Dr. Gavin Gulia kiteb lil M&R Holdings Limited biex tersaq għall-kuntratt ta' rexissjoni minħabba l-allegat żball;*

*Sussegwentement, ir-rikorrenti bagħtu żewġ ittri legali din id-darba lin-Nutar Bisazza permezz ta' l-avukat differenti tagħhom Dr. Bradley Gatt u dan fil-25 ta' Novembru 2008 u fl-20 ta' Jannar 2009 fejn insistew fuq l-error in corpore li fuqu fetħu din il-kawża. Dawn l-ittri jinsabu esebiti bħala Dok. 4 u Dok. 6 annessi mar-risposta ġuramentata ta' lintimati.*

*Fis-7 ta' Mejju, 2009 ir-rikorrenti ppreżentaw protest ġudizzjarju kontra M&R Holdings Limited fejn irrelevaw l-allegat żball;*

*Il-kawża odjerna ġiet ippreżentata fl-10 ta' Ottubru, 2011; Kien għalhekk li s-soċjetajiet M&R Holdings Limited u Regent Company Limited sostnew li l-kawża ġiet preżentata:*
*"oltre sentejn mid-data tal-protest ġudizzjarju (li ma setax jinterrompi stante li l-azzjoni kienet ġja preskritta), u oltre ħames snin minn meta l-atturi indunaw bl-allegat żball skond il-premessi tar-rikors ġuramentat de quo."*

*Qalu wkoll li meta r-rikorrenti ppreżentaw il-protest ġudizzjarju l-pretensjoni attriċi kienet ġja preskritta bid-dekors ta' sentejn.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża mogħtija minnha stess kif presjeduta fit-23 ta' April, 2009 fl-ismijiet* ***Maria Agius vs Josephine sive Guża Schembri et*** *fejn intqal:*

*"D3. Artikolu 1222 tal-Kap 16 – simulazzjoni f'kuntratt: It-tielet eċċezzjoni ta' l-intimati hija li t-talba tar-rikorrenti dwar il-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989, allegatament simulat hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 1222 tal-Kap 16.*

*Fuq l-aspett ta' simulazzjoni tal-kuntratti, fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-5 ta' Frar 2007 fl-ismijiet*

***Joseph Cachia vs Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt tal-Ministeru ta' l-Intern et*** *(Ċitazz. Nru. 394/05) intqal:*
*"In-natura tal-eċċezzjoni a tenur tal-artikoli 1222 u 1223*

*Din id-deċiżjoni tirrigwarda d-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 1222 (1) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jgħid hekk:*

*1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni ħhar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn.*

*(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.*

*L-artikolu 1223(1) jgħid hekk:*

*"Iz-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispiċċa, u fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett."*

*Illi l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta' rexissjoni biex jiġi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji għall-eżistenza tiegħu jew għaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leżiv għal xi wieħed mill-kontraenti.*

*Għalhekk, huwa imperattiv, la darba ġie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jgħoddu minn meta jinkixef l-iżball jew għemil doluż. Illi fil-fatt, ġie ritenut fil-każ* ***Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li:*

*"Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni jew nuqqas ta' eta` u obbligazzjonijiet mingħajr kawża jew b'kawża falza, tibda tiddekorri fil-każ ta' żball, għemil doluż u kawża falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhiex applikabbli fil-każijiet ta' nullita` radikali; għax innullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni ineżistenti, filwaqt illi fil-każijiet l-oħra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni teżisti. U l-provi meħtieġa biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeċċepixxi l-preskrizzjoni."*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001 ġie deċiż li:*

*"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi preżunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Minn jadduċi l-kontra u jadduċi l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bażat fuq xi wieħed*

*mill-elementi li l-liġi stess tindika bħala raġuni valida biex jiġi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, għandu jipproduċi provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, ħaġa li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti ċertament m' għamlux."*

*F'dan ir-rigward jinghad li fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et*** *deċiża millOnor. Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru, 1962: "Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni jew nuqqas ta' eta` u obbligazzjonijiet mingħajr kawża jew b'kawża falza, tibda tiddekorri fil-każ ta' żball, għemil doluż u kawża falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett."*

*Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża deċiża mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju, 1996 fl-ismijiet* ***Adrian sive Aad De Haan vs George Whelpdale et nomine*** *fejn il-Qorti irriteniet li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata inġustament tiġi a konjizzjoni ta' l-att abbusiv kommess fil-konfront tagħha u li hemm ippreġudikaha.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Mejju 1959 fl-ismijiet* ***George Mallia vs Avukat Dr. Albert Ganado nomine*** *fejn intqal:*

*"azzjoni biex kuntratt jiġi annullat minħabba vizzju tal-kunsens b'erreur jew inġann hija azzjoni ta' rexxissjoni għax dik l-azzjoni tkun diretta biex il-kuntratt jiġi annullat. U la darba jiġi stabbilit li l-azzjoni hi ta' rexxissjoni, il-preskrizzjoni applikabbli għaliha hija dik ta' sentejn, li jibdew jgħaddu minn meta jinkixef id-difett".*

*Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza deċiża mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet* ***Eric Busuttil vs Danuta Komarzynic*** *fejn dik il-Qorti qalet li l-attur ippremetta li huwa kera lill-konvenuta fond sabiex jintuża bhala klinika, iżda dan ma seta qatt jiġi użat għalhekk għaliex ma ngħatatx work permit u għaliex ma kienx qiegħed jintuża bħala klinika, iżda bħala residenza u għalhekk talab dikjarazzjoni ta' nullita ta' l-iskrittura. Il-konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni, il-ġudikant u li se mai mhux kwistjoni ta' nullita` iżda ta' nullita` ta' l-istess skrittura.*

*L-ewwel Qorti ddikjarat l-azzjoni attriċi preskritti bid-dekors tas-sentejn. Il-Qorti ta' l-Appell osservat li l-konvenuta ġustament sostniet li l-attur ikkontradiċa ruħu fis-sens illi fiċ-ċitazzjoni ppremetta li l-iskrittura kienet nulla ab initio u fl-att promotur ta' l-Appell allega li ma kienx hemm xejn ħażin fil-mument tal-firma. Kompliet tirritjeni li independentement milli x'jirriżultha fil-mori tal-kawża, id-deċiżjoni dwar liema preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni tiddependi mit-talba dedotta fl-att promotorju u konsegwentement ikkonkludiet illi għall-azzjoni eżerċitata kienet applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn ikkontemplata fl-artikolu 1222 (2) tal-Kap 16 u għalhekk ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

*Sa hawnhekk kollox sempliċi kieku wieħed ibbaża t-talba tiegħu fuq rexxissjoni ta' kuntratt, iżda r-rikorrent qiegħed isostni li l-azzjoni tiegħu hi:*
*"msejsa fuq l-'error in corpore', m'hijiex 'azzjoni għar-rexxizjoni' u l-annullament tal-att tad-9 ta' Dicembru 2005 bhal li kieku xi darba kien validu, iżda azzjoni fejn din il-Qorti qiegħda tintalab tiddikjara tali att null u bla ebda effett."*

*In sostenn ta' dan fin-nota tiegħu jgħid hekk:*

*"4. Illi t-tliet tipi ta' żball elenkati fil-Kodiċi li* ***jivvizzjaw il-kunsens*** *huma:*

*Art. 975 – żball tal-liġi*
*Art. 976(1) – żball fis-sustanza tal-oġġett (error in substantia)*

*Art. 976(2) – żball fil-persuna*

5. *Illi min-naħa l-oħra, l-errore in corpore huwa essenzjalment nuqqas ta' ftehim u kunsens fuq l-****oġġett*** *tal-ftehim (fit-test Ingliż definit bħala '****subject-matter****') u mhux sempliċi vizzju tal-kunsens; ...*

6. *Illi fid-dritt Franċiż, l'erreur in corpore huwa meqjus li jaqa' taħt il-kategorija ta' 'erreur obstacle', li jġib nullita' assoluta, hekk kif distint mill-kategorija ta' erreur vice de consentement li jwassal biss għan-nullita' relattiva. L'erreur in corpore huwa meqjus bħala '****l'erreur qui interdit l'accord des volontes****... les deux contractants ne sont pas compris; chacun s'est trompe, non sur ce qu'il voulait, mais sur ce que voulait son concontractant; l'erreur obstacle est un dialogue des sourds.* ***Aussi fait-il voir en elle plus qu'un vice du consentement: elle empeche le consentement,*** *l'accord des volontes; il y a, en*

*realite,* ***absence de consentement, entrainant la nullite absolue du contract. C'est l'erreur sur l'identite de l'objet du contrat.*** *[****Mazeaud et.****,* ***Lecons De Droit Civil, Obligations, Theorie Generale, 9th Ed., Montchrestien****, pp.158-161, 173.]*

7. ***Illi b'hekk l'erreur in corpore jimplika nuqqas assolut ta' ftehim, li jwassal għal nullita` assoluta tal-kuntratt, u kwindi azzjoni imsejsa fuq tali istitut hija impreskrittibbli, għaliex tkun qiegħda titlob lil Qorti tirrikonoxxi stat ta' fatt, u cioe` li att partikolari, minkejja li jista' jkollu l-formalijiet kollha li teżiġi l-liġi, kien null 'ab initio' u għadu u jibqa' null b'mod assolut;…"***

*Illi jekk wieħed jara t-talba tar-rikorrent din tgħid hekk:*

> *"1. Tiddikjara li l-att tad-9 ta' Diċembru 2005 ippubblikat min-Nutar Roberta Bisazza bejn M. & R. Holdings Limited u r-rikorrenti għall-bejgħ u akkwist ta' garaxx fil-kumpless 'Blue Waters', St. Anthony Street, Buġibba, San Pawl il-Bahar bħala null u bla ebda siwi bejn il-partijiet, konsegwenza ta' liema, il-garaxx in kwistjoni għadu propjeta` ta' M. & R. Holdings Limited;"*

*Illi għalhekk joħroġ ċar li r-rikorrent talab dikjarazzjoni ta' nullita` u mhux ta' rexxisjoni.*

*Din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għal bran ieħor mis-sentenza mogħtija minnha stess kif presjeduta fit-23 ta' April, 2009 fl-ismijiet* ***Maria Agius vs Josephine sive Guza Schembri et*** *fejn ingħad:*

*Ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tas-26 ta' Frar 2007 fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud et (Citazz. Nru. 1476/01) intqal:*
*"Għalhekk fil-qasir wieħed jista' jgħid li meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn, inkluż fir-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza. Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispiċċa, u fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett. Il-preskrizzjoni ta' sentejn jibdew jgħoddu minn meta jinkixef l-iżball jew għemil doluż. Din l istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-każijiet ta' nullita` radikali; għax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni ineżistenti. Min jeċċepixxi l-preskrizzjoni jinkombu fuq l-provi, liema provi jridu jkunu univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu. It-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-*

*mument illi l-persuna obbligata inġustament tiġi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront tagħha u li hemm ippreġudikaha. Il-preskrizzjoni għandu jkollha interpretazzjoni restrittiva. Id-data trid tiġi stabbilita b'mod ċar, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik iddata, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni. Mhux konsentit li l-Qorti timplimenta kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-aġir tagħhom ikun kontra l-istess liġi u ordni pubbliku."*

*Minn dan kollu jemerġi li kieku l-azzjoni odjerna kienet diretta għar-rexxissjoni ta' kuntratt, dan ċertament kien ikun preskritt, iżda r-rikorrenti jinsisti li t-talba tiegħu hija għal dikjarazzjoni ta' nullita` tal-kuntratt tad-9 ta' Diċembru, 2005.*

*Illi għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-intimati għall-preskrizzjoni bażata fuq ir-rexxissjoni tal-kuntratt, iżda issa jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova mhux l-error in corpore u l-konsegwenti rexxissjoni tal-kuntratt iżda n-nullita` ab initio ta' l-istess kuntratt fis-sens li tali kuntratt qatt ma eżista."*

Miżmum dan ir-ragunament u darba lit-talba hija għan-nullita' tal-ftehim mhux għar-rexxissjoni tiegħu l-Qorti tadotta l-istess linja fejn tiċħad l-eċċeżżjoni tal-preskrizzjoni mressqa. Kif ġie sew spjeget dak li huwa null ma jista qatt jidekorri temp kontrih għax huwa null *ab intio,* sa mill bidu tiegħu u jibqa' dejjem f'dan l-istat. PERO miċħuda din l-eċċezzjoni fuq dak premess fir-rikonvenzzjoni jibqa jispetta lil minn jallega dan li jwassal il-prova sal-grad mitlub mill-liġi kif ġia espost.

**Bl-ispejjeż għal attur rikonvenzjonat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**